## *FIT – TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*
## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## *Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju, 2002*

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1389/02 EG**

**AIC Francis Montesin u AIC Anthony Scerri**

**vs**

**Andre' Escave LTD.**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta'sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm632) rappresentanti drittijiet professjonali dovuti lilhom ghall-prestazzjonijiet taghhom in konnessjoni mal-izvilupp ta' siti go Pembroke u Bormla esegwiti mill-atturi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, ta’ l-ittra interpellatorja tat-2 ta’ April 2002 kontra s-socjeta’ konvenuta u bl-imghax legali.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Mark Mifsud Cutajar ghan-nom tal-atturi, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm632) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**